Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8967 — BGŻ BNP Paribas/Parts of Raiffeisen Bank Polska)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 228/08)

1. Fil-21 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BGŻ BNP Paribas S.A. ("BGŻ BNP Paribas") (il-Polonja),

— Parts of Raiffeisen Bank Polska S.A. ("in-Negozju fil-Mira") (il-Polonja).

BGŻ BNP Paribas jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' partijiet ta' Raiffeisen Bank Polska S.A.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BGŻ BNP Paribas: bank universali, parti minn BNP Paribas Group, li huwa grupp internazzjonali tal-kapital ta' kumpaniji bankarji u finanzjarji bi preżenza madwar id-dinja,

— in-Negozju fil-Mira: in-Negozju Bankarju Prinċipali ta' Raiffeisen Bank Polska S.A., li huwa sussidjarja u proprjetà ta' Raiffeisen Bank International AG. In-negozju fil-mira huwa attiv, fost affarijiet oħra, fis-servizzi bankarji għall-konsumatur u s-servizzi bankarji korporattivi, il-ħruġ ta' kards tal-pagamenti, il-ġestjoni tal-assi, l-assigurazzjoni, servizzi ta' factoring.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8967 — BGŻ BNP Paribas/Parts of Raiffeisen Bank Polska

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.